MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru. 1245/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**KONTRA**

**JOSEPH CIANTAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Ciantar ta’ 53 sena, bin Philip u Rita nee’ Debono, mwieled Qormi nhar l- 4 ta’ Frar 1956, residenti fil- fond 106, Joemar, Triq Dun Karm Psaila, Zebbug u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 195256(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) nhar l- 24 ta' Ottubru 2009 ghall- habta tal-5.00pm gewwa l- Kazin ta' San Guzepp, Misrah San Filep, Zebbug, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Zarenu Casha ta' 62 sena f' periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi fil- gisem jew fis- sahha skond kif iccertifika Dr. Nicholas Paul Delicata mill-Casualty Department tal- Isptar Mater Dei;

2) aktar talli hebb ghal persuna ta' Zarenu Casha sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna;

3) aktar talli volontarjament kiser il- buon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza hija frott ta’ argument bejn tnejn min-nies li eskala lil’ hinn mil-proporzjon. L-imputat u Zarenu Casha, li qabel l-incident kienu hbieb, gew fl-idejn, u Casha spicca sofra griehi kif deskritti fic-certifikat mediku esebit fl-atti. Il-griehi gew klassifikati gravi peress illi kien hemm frattura tal-imnieher, u llum wara sitt gimghat jidher li Casha ghadu jbati minn ugigh minhabba f’ din l-agressjoni. Madankollu, ma jirrisultax li hu sofra mankament permanenti jew sfregju permanenti, u ghalhekk il-Qorti qed tikklassifika l-offizi bhala gravi ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kap 9. In vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, u tal-fedina penali kwazi netta tieghu, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tkun kawta fil-piena, anke minhabba l-fatt li kemm l-imputat kif ukoll Zarenu Casha t-tnejn huma mil-istess rahal u t-tnejn jiffrekwentaw l-istess lokal. Ghalhekk ikun idoneju jekk ikun hemm impost fuq l-imputat garanzija ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9, oltre disdosizzjoni ai termini tal-Kap 446. Il-Qorti hi ben konxja li l-imputat iddispjacih tal-incident kollu, kif anke jirrisulta mill-istqarrija tieghu esebita fl-atti, u ghalhekk ma tarax li ghandha tkun severa z-zejjed mieghu fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 216, 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal –Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Torbot lill-imputat b’ garanzija tieghu nnifsu ai termini tal-Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta ghal sena, favur l-imsemmi Zarenu Casha, taht penali ta’ hames mitt ewro (€500).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------